**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Leon Borg**

**Kumpilazzjoni numru 477/2019**

**Illum 12 ta' Mejju, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Leon Borg** detentur tal-karta tal-identita numru 4897 (M) billi huwa akkuzat talli nhar il-21 ta' Lulju 2019 ghall- habta ta' bejn it-tmienja u nofs ta' filghaxija (20:30hrs) u id-disgha ta' filghaxija (21:00hrs) gewwa l-font Nru. 23, Triq Santa Tereza, Birkirkara:

1. Gieghel annimal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

2. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS1340 A.Bellizzi, PC877 G.Vella,

PC538 R.Azzopardi u PC1009 D.Farrugia persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita kompetenti;

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fuq telefon cellulari, liema hsara ma tiskorrix l-mitejn u ħamsin euro (250) ghad-detriment ta' Tracey Borg u/jew persuni ohra;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. C.Stafrace Zammit LL.D, datata 25 ta' Lulju 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. D.Frendo Dimech LL.D, datata 20 ta' Gunju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

6. Talli fil-21 ta' Lulju 2019 u fil-jiem u xhur ta' qabel, kiser il-liberta provizorja billi naqas milli jhares il-kundizzjoniet li gew imposta fuqu mill- Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magt. Dr.Aaron Bugeja

LL.D. fid-digriet tieghu tas-27 ta' Dicembru 2016 li bih ta' l-helsien mill-arrest.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest ta` l-imputat, tarresta mil-gdid lill-imputat kif ukoll tirrevoka l-garanzija personali li fuqha kien inghata l-helsien mill-arrest.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recdeiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

**<u>Il-fatti specie tal-kaz</u>**

Nhar il-21 ta' Lulju 2019 ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija Tracey Borg marret l-ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara sabiex tirrapporta illi t-tifel taghha Leon Borg kien bela' kaxxa Selequel u kien gie aggressiv. Meta mistoqsiha fejn kien qieghed, hija qalet illi kien qieghed gewwa ir-residenza taghhom. Hija stqarret ukoll illi kisser it-television ta' huh Gilmore.

Il-Pulizija tad-distrett flimkien mal-Pulizija ta' l-Intervention Rapid Unit (RIU) marru fir-residenza flimkien ma' omm l-imputat.

Wara tfittxija Leon Borg instab fuq il-kamra ta' fuq il-bejt, fejn x'hin il-Pulizija ghajtulu qam u x'hin kien niezel minn fuq il-kamra, cedew zewgt iknatan, fejn hu telaq idejh, gie fuq folja ta' fibre illi kienet qeghda tghatti bokka ta' *shaft* u nqasmet bih, fejn sabiex inhareg minnha kellu jigi mghejjun mill-Pulizija.

X'hin l-imputat dahal gewwa r-residenza huwa gie mistoqsi x'pilloli kien ha, fejn hu qal illi ma kien ha xejn u ghadda lill-Pulizija hamsa u erghin (45) pillola illi kienu fil-but tal-qalziet. Meta gie mistoqsi jekk dawn kienux preskritti minn xi tabib huwa rrisponda fin-negattiv.

Sakemm il-pulizija kienet qieghda titkellem mieghu, l-imputat dahal gol-kamra tas-sodda, fejn kien hemm ommu, flimkien ma' huh iz-zghir. F'daqqa wahda l-imputat qabad il-mobile li kellu f'idejh huh iz-zghir, li dak il-hin kien qieghed jilghab u qabad u sabtu ma' l-art. Ftit wara kelb tar-razza Chiuaua ta' lewn iswed, bl-isem ta' Otis, nebah u dak il-hin Leon qabdu minn dahru, qabadlu saqajh u sabtu darbtejn fuq il-komodina, fejn mal-ewwel il-Pulizija ntervjenew sabiex ma jkompliex iwegga' l-kelb u sabiex jigi kkontrollat u arrestat.

Il-pulizija xehdu li l-imputat b'sahha kbira beda jirresisti l-arrest tant li l-pulizija kellha tuza forza minima sabiex jigi mmanettjat u ttiehed gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara.

Waqt din l-operazzjoni PC877 Glen Peter Vella sofra zewg barxiet fil-minkeb tax-xellug hekk kif icertifikat minn Dr. Maria Callus MD tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana li kien qieghed isoffri minn griehi hfief.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2019 ghall-ewwel (1), tielet (3), hames (5) u sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Simon Micallef Stafrace li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Fuq talba tad-difiza l-Qorti ordnat *Pre-Sentencing Report* fejn kien imhejji u pprezentat mill-Probation Officer Sharlot Fabri fit-12 ta' Dicembru 2019 fejn irrakomandat li: *"Fid-dawl tal-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, l-Ufficjal tal-Probation umilment tissuggerixxi li Leon Borg jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva u dan kemm fid-dawl tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll illi huwa ripetutament naqas milli jonora l-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' sentenzi bbazati fil-komunita` fil-passat u li ghaldaqstant ma thallix lok fejn issir supervizjoni fl-istess komunita`."* (*a fol* 108).

## KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI

## Preliminari[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza din l-eewel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza

li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu disa' (9) xhieda kif gej:

PC 741 Keith Vassallo (*a fol* 31 et. seq.); PS 1340 Antonio Bellizzi (*a fol* 35 et. seq.); PC538 Raymond Azzopardi (*a fol* 38 et. seq.); WPS 198 Jennifer Caruana (*a fol* 40 et. seq.); PC 538 Raymond Azzopardi (*a fol* 46 et. seq.); PC 1252 Keith Livori (*a fol* 48 et. seq.); Dr. Maria Callus (*a fol* 84 et. seq.); Probation Officer Charlet Fabri (*a fol* 85 et. seq.); PC 877 Glen Vella (*a fol* 89 et. seq.).

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

L-imputat wiegeb li mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni u ghalhekk il-

Qorti se taghmel analizi dwar Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, liema artikolu l-Prosekuzzjoni qeghdin isostnu l-imputat kiser.

L-Artikolu 96 ghalkemm ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, l-istess bhal Artikolu 95 f'dan l-artikolu jikkontempla tliet elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin- nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-

reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn iz-zewg reati cioe' l-artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali.

Fis-sentenza Il-**Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill- Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 intqal:

**"Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-Artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. James Demanuele** deciza fis-16 ta' Novembru 2006 mill-Imhallef Joe Galea Debono LL.D. irreferiet ghal dak li qal Mamo[2] :-

*"If, therefore a man makes opposition to a warrant of Seizure merely by refusing to open the door of his house, he does not commit this crime....The same may be said where a person avoids the execution of a warrant of Arrest by running away at the arrival of the police, or by freeing himself from their hands, without however, using any violence whatsoever. The Law respects the natural instincts of every man and does not pretend that he should renounce a way which appears open to him to maintain his liberty."*

L-Imhallef Harding nhar il-21 ta' Mejju 1960 spjega li:

*"Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l- arrest."*

Il-ligi tiddistingwi bejn sempliciment rezistenza ghal dak li hija xewqa jew istint tal-persuna li ma tigix arrestata, specjalment anke ghal-fatt illi tkun qieghda tirraguna u titkellem mal-ufficjali tal-Pulizija anke b'lehen ftit gholi u min-naha l-ohra, ghal meta l-istess rezistenza timmanifesta ruhha bi vjolenza jew xi tip ta' rezistenza ohra billi terfa' jdejha fuq l-

[2] Notes on Criminal Law (1955 ed.) Vol. II p. 55

istess ufficjali.

Il-pulizija xehdu li l-imputat b'sahha kbira beda jirresisti l-arrest tant kellhom juzaw forza minima sabiex jigi mmanettjat u ttiehed gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara.

Waqt l-arrest PC877 Glen Peter Vella sofra zewg barxiet fil-minkeb tax-xellug hekk kif icertifikat minn Dr. Maria Callus MD tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana li kien qieghed isoffri minn griehi hfief.

Il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova minghajr dubju l-ingredjenti li jsawwru r-reat li l-imputat jinsab mixli bih permezz tat-tieni imputazzjoni.

**<u>Mohqrija fuq l-annimali</u>**

Illi l-imputat jinstab mixli bl-imputazzjoni regolata mill-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439). L-artikolu 8(2) li jiddisponi illi:

> *(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.*

Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 ġie speċifikat f'aktar dettal liema passi għandhom jittieħdu minn min ikun qed jieħu ħsieb annimal biex jiżgura illi kull annimal ikollu kull ma jinħtieġ, inkluż ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn. Bl- introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Leġislatur ried jiċċara l-interpretazzjoni tal-artikolu 8

sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas tagħhom jistgħu indubjament iwasslu għat-tbatija, mard jew uġiegħ tal-annimal miżmum.

Bil-piena għal dan ir-reat jigi regolat mill-artikolu 45 tal-istess Att. Illi imbaghad l- artikolu 2 ta'l-Att taghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:

> *''**moħqrija**'', fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa;*

Hekk kif il-maġġoranza tal-Maltin u l-Għawdxin iħobbu l-annimali u dawk li jrabbu l-annimali domestiċi qiegħed dejjem jiżdied. Għandu minnufih jintbagħat messaġġ b'saħħtu lil dawk il-persuni li iwettqu atti moħqrija fuq l-annimali, għaliex dawn l-atti mhux aċċettabbli.

> *Minn dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti jidhrilha li annimal jista' jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija, jew dwejjaq bla bżonn jew li jiġi abbandunat kemm b'azzjoni ta' kommissjoni kif ukoll b'azzjoni t'omissjoni. Tista' tabbanduna annimal billi tkeċċih fiżikament minn daru daqskemm tista' tabbanduna annimal billi tonqos milli titimgħu u tagħti kasu. Tista' ġġegħlu jbati billi ttih ikel li ma jkunx tajjeb għalih, daqskemm tista' ġġegħlu jbati billi tonqos milli ttiħ biżżejjed ikel tajjeb għalih. Tista' ġġegħlu jbati wġiegħ billi issawtu fiżikament daqskemm*

*tista' ġġegħlu jbati wġiegħ billi ma ttiħx il-kura veterinarja meħtieġa għal mard jew ġrieħi li jkollu*[3].

L-Imhallef Michael Mallia fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija (Sp. Fabian Fleri) Vs Joseph Galea**[4] kien dahal f'dettal meta evalwa l-mohqrija tal-annimali wara l-kaz li qajjem furur wara l-mohqrija u l-qtil tal-kelba Star *"L-istorja aggjaccanti illi xxukkjat nazzjon tal-kelba "Star", dan il-kaz partikulari fejn kelba ohra intremiet hajja fi skip ta' l-iskart u thalliet hemmhekk ghal tnax (12) –il siegha shah f'tereturi mmaginabbli sakemm kumbinazzjoni nstabet minn persuna li kien ghaddej vicin dan l-iskip. Il- kaz ta' klieb u qtates imsamrin fuq kurcifiss imhallija mdendla ma xi kancell jew grada, Zwiemel tal-karozzini mhallijin ghal sighat twal weqfin taht il-qilla tax-xemx minghar protezzjoni biex jaghtu sodisfazzjon ta' ftit flus lil sidhom. Klieb imhollija marbuta minghar protezzjoni ghall-elementi, sajf u xitwa. Il-glied tal-klieb organizzat b'mod kalndestin illi minn zmien ghal zmien jitfacca ghal skrutinju mistmerr tal-pubbliku. U fl-ahhar u xejn inqas il- qtil ta' l-annimal ghal divertiment tal-bniedem."*

L-gharef politiku u kbir statista Mahatma Gandhi darba kien qal illi l-kburija ta' pajjiz huwa meqjuz mill-mod kif il-pajjiz jitratta l-annimali tieghu. Sfortunatament f'dan il-kuntest il-poplu Malti ma tanx ghandu ghalxiex jiftahar fejn minn zmien ghal zmien qeghdin johrogu rapporti u cirkostanzi ta' mohqrija ta' annimali illi jiddisturbaw il-kuxjenza tal-

[3] Appell numru 146 tal-2019 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmelo ZAMMIT** deciz mill-Imhallef Aaaron Bugeja fit-12 ta' Novembru 2019

[4] Appell Kriminali Numru. 396/2011 deciz fid-29 ta' Mejju 2013 kien dahal f'dettal meta evalwa l-mohqrija tal-annimali wara l-kaz li qajjem furur tal-kelba Star.

maggoranza li ghandhom ghal qalbhom il-gid jew kif inhu maghruf bl-Ingliz "*well being*" ta' l-annimali.

L-annimali wkoll ghandhom id-drittijiet taghhom u bazikament huma maqsuma f'hames taqsimiet:

1. Li jigu mehlusa mill-guh, il-ghatx billi jkun hemm access ghall-ilma tax-xorb potabli u dieta biex tassigura s-sahha ta' l-annimal.
2. Li ma jkunux soggetti ghal dizagi u skonfort billi jigi provdut ambjent siewi nkluz lquh mill-elementi u post fejn jistghu jistriehu.
3. Li ma jkunux soggetti ghall-ugieh, feriti u mard bi prevenzjoni u trattament veterinarju fejn mehtieg.
4. Li jkunu jistghu jghixu l-hajja normali taghhom billi jigi provdut spazju, facilitajiet adekwati u jkunu esposti ghal annimali ohra ta' l-ispeci taghhom.
5. Li jkunu hielsa mill-biza' u piena billi jkunu assigurati kundizzjonijiet u trattament illi jevitaw tbatija.

Il-konsegwenza ta' dawn id-drittijiet mhuwiex li l-bniedem jista' juza u jiddisponi mill-annimali kif irid u kif joghgbu izda ghandu r-responsabilta li jassigura li dawn id-drittijiet jigu mharsa.

**<u>Attakki fuq il-pulizija</u>**

Il-Qorti terga' taghmilha ċara, anke jekk dan qieghed ikun repetut ghal aktar minn darba, li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed

jagħmlu d-dmirijiet tagħhom u **<u>ħadd m'huwa skużat – tkun xi tkun ir-raġuni – li jhedded li xi uffiċjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweġġgħu.</u>**

Ordni tal-Pulizija għandha tkun obduta mal-ewwel u għandu jintwera rispett lejn kull uffiċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett għandu jidher b'mod l-aktar ċar anke f'sitwazzjonijiet fejn tkun daħlet imqar naqra tensjoni.

Kif gie osservat miil-Qorti fl-Appell Kriminali[5] : **"Il-Pulizija vs. Mathew Peter O' Toole" [**2.3.06]

> *" il-Qrati ma jistghux jittrattaw kazijiet bhal dawn fejn ikunu mhedda ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, waqt li qed jaqdu dmirijiethom - kulltant f' sitwazzjonijiet difficli w delikati - b' leggerezza, qiesu ma gara xejn, bhallikieku l-Pulizija qieghed hemm biex jigi mzeblah, sfidat, u mhedded.*
>
> *Illi jidher li l-appellant seta' kien taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku eccessiv meta pprovoka dan l-incident bla bzonn, pero' dan bl-ebda mod ma jiskuzah."*

U fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. George Grech"** [23.6.05] il-Qorti qalet :

> *"Illi l-Qorti terga ttenni f'dak li gja qalet f'diversi sentenzi li r-reati bhal dawk ammessi mill-appellant fuq membri tal-korp tal-Pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom ma jistghux jitqisu leggerment mill-Qrati li ghandhom joffru kull protezzjoni lill-kustodji tal-ordni*

[5] Qorti ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono

*pubbliku meta jkunu qed jagixxu fiz-zamma tal-ordni taht cirkostanzi mill-aktar difficli u b'riskju kbir ghall-inkolumita' taghhom personali w li ghalhekk f'dawn it-tip ta' reati hija indikata piena karcerarja effettiva kif del resto tiddisponi l-ligi."*

Imbaghad fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Anthony Roderick Farrugia"** [26.4.2007] din il-Qorti qalet ukoll :-

*"Kif irriteniet din il-Qorti diversi d-drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu il-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b' leggerezza w jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b' pieni irrizorji aktar u aktar meta dak li jkun ikun recidiv kif inhu f' dan il-kaz."*

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

***(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

Illi allura min hu msejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali[6] ricentament għamlet dawn ir-riflessjonijiet dwar il-piena:

Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;

(b) Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

**<u>L-aspett retributtiv tal-piena</u>** huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

[6] Appell Nru. 96/2019 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija Vs Simon BORG** deciz mill-Imhallef Aaron Bugeja fil-10 ta' Ottubru 2019

**<u>L-aspett preventiv tal-piena</u>** huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

**L-aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**<u>effett preventiv ġenerali</u>** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**<u>aspett preventiv speċjali</u>** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**<u>aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena</u>**, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandha jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

Il-Qorti rat il-*Pre-Sentencing Report* fejn kien imhejji u pprezentat mill-Probation Officer Sharlot Fabri fit-12 ta' Dicembru 2019 fejn irrakomandat li: *"Fid-dawl tal-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, l-Ufficjal tal-Probation umilment tissuggerixxi li Leon Borg jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva u dan kemm fid-dawl tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu*

*kif ukoll illi huwa ripetutament naqas milli jonora l-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' sentenzi bbazati fil-komunita` fil-passat u li ghaldaqstant ma thallix lok fejn issir supervizjoni fl-istess komunita`. "* (*a fol* 108).

**Din id-decizjoni ghandha tirrispekkja l-kattiverja mwettqa fuq il-kelb u ghandha sservi biex tibghat messagg car u univoku lis-socjeta fejn jidhol l-obbligu tal-harsien xieraq ta' l-annimali. Mhux accettabbli t-twegiba li ta l-imputat fl-istqarrija tat-22 ta' Lulju 2019 li meta mistoqsi ghaliex sabbat il-kelb mal-kommodina wiegeb "*ghax beda jinbah hafna ghax peress li ra lill-pulizija beda jinbah hafna u ma riedx jieqaf*". Il-Qorti trid li jerga' jintbaghat messagg dwar li m'ghandu jkun hemm l-ebda tolleranza ghal vjolenza fuq il-pulizija.**

**DECIDE:**

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-ammissjoni ferm bikrija tieghu tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih hlief li kkontesta t-tieni imputazzjoni, tal-fedina penali tieghu u tac-cirkostanzi l-ohra tal-kaz.

Gie kkunsidrat ukoll li fir-rigward tal-akkuzi migjuba, japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati. Fil-kaz in dezamina, il-piena ghall-ewwel imputazzjonijiet hija kif ravvizata bl-artikolu 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li l-imputazzjonijiet l-ohra huma dawk li johorgu mill-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ghall-imputazzjoni erbgha (4) li ghadda l-perjodu preskrittiv taghha, ghall-imputazzjoni hamsa (5)[7] li ma ngabitx prova taghha u imputazzjoni sitta (6) ghaliex il-kaz li ghalih kellu l-liberta' provizorja kien deciz fil-mori ta' din il-kawza.

U wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50 96 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikoli 8(2) u 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tieni (2) u tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu w tikkundannah sentejn prigunerija u ghall-multa ta' hamest'elef ewro (€5,000).

In kwantu ghall-fatt li kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sena prigunerija sospizi ghal sentejn hekk kif moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., nhar il-20 ta' Gunju 2018, liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel, l-Qorti **mhix se iddahhal l-ordni fis-sehh u dan ghaliex ma kinetx prezentata s-sentenza li l-imputat jinsab mixli biha** ghaliex kif kien dikjarat fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2019 li "***s-sentenza kienet misplaced u ma tistax tinstab***" **u l-Qorti ma tistax tikkundanna persuna anke jekk jammetti hu stess l-imputazzjoni fuq dak imnizzel fil-fedina penali**;

[7] Il-Qorti mhix se tikkonsidra din l-imputazzjoni ghaliex il-Prosekuzzjoni naqqset li tipprezenta s-sentenza kkwotata u dan skont kif kien dikjarat fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2019 li "**s-sentenza kienet misplaced u ma tistax tinstab**".

Kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat biex inghata l-helsien mill-arrest, il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni ghaliex fil-mori ta' din il-kawza, l-imputat kien sentenzjat mill-Magistrat Audrey Demicoli fis-17 ta' Jannar 2020, liema sentenza ma kinetx appellata u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tordna l-arrest ta' persuna dwar kaz li kien deciz. Din il-Qorti tappella lill-ufficjali prosekuturi li jinfurmaw lill-Qrati bl-izviluppi li jkun hemm tul il-mori tal-kawza ghaliex li kieku l-Qorti ma ndenjatx ticcekja kif ghamlet, kienet tispicca tikkundanna lill-imputat fuq kaz li diga' deciz. Hemm bzonn aktar koordinament u komunikazzjoni bejn il-pulizija f'taqsimiet varji ghaliex dawn huma parti minn Korp tal-Pulizija wiehed.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**